**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru: 286/2012 AF**

**Gasan Mamo Insurance Ltd**

**vs**

**Asfaltar Ltd**

**U**

**B'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Mejju 2012, il-Qorti ordnat li tissejjaħ fil-kawża il-Korporazzjoni Enemalta.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

1. Illi l-esponenti ħarġet polza ta' assikurazzjoni favur l-assikurata tagħha, liema polza hija magħrufa bħala "Industrial All Risks Policy";

2. Illi l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni tkopri l-proprjeta` BLB012, Bulebel Industrial Estate, Żejtun kif ukoll il-kontenut tal-istess fond;

3. Illi fis-6 ta' Lulju 2011, seħħ incident li fih, waqt li s-soċjeta` intimata kienet qed tagħmel xogħol ta' *trenching* biswit il-proprjeta` tas-soċjeta` assikurata, intlaqgħet cable tal-elettriku u konsegwentement inqatgħet il-provvista tal-

elettriku tal-fabbrika tas-soċjeta` assikurata, liema qtugħ tal-provvista tal-elettriku kkawżat ħsarat sostanzjali fil-makkinarju tas-soċjeta` assikurata liema ħsarat ammontaw għal ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u disgħa u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,949.58);

4. Illi s-soċjeta` rikorrenti kkumpensat lis-soċjeta` assikurata bis-somma fuq imsemmija u sussegwentement ġiet surrogata fid-drittijiet tagħha;

5. Illi wara li seħħet is-surroga, is-soċjeta` rikorrenti interpellat lis-soċjeta` Asfaltar Limited sabiex din tal-aħħar tikkumpensa lis-soċjeta` rikorrenti bis-somma fuq imsemmija iżda din baqgħet inadempjenti;

6. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta hija responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2011 u għall-ħsarat sofferti mill-assikurata tas-soċjeta` attriċi Tek Moulds Precision Engineering Limited;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi l-kwantum tad-danni sofferti mill-assikurata tas-soċjeta` attriċi in segwitu għall-inċident fuq imsemmi fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u disgħa u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,949.58);

3. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` rikorrenti s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u disgħa u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,949.58);

Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' intimata Asfaltar Limited li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta kontra s-soċjeta` esponenti għandha tkun miċħuda stante li l-istess soċjeta` esponenti ma kinitx responsabbli għall-inċident *de quo;*

2. Illi, hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-inċident in kwistjoni seħħ unikament bi ħtija tal-Korporazzjoni Enemalta li naqset milli tindika l-*cable* li sussegwentement safa' milqut. Għaldaqstant, in vista' tal-premess, **<u>għandha tiġi kjamata in kawża il-Korporazzjoni Enemalta</u>** sabiex tirrispondi direttament għat-talbiet avvanzati mir-rikorrenti, liema talba ser titressaq permezz ta' rikors preżentat kontestwalment ma' din ir-risposta;

3. Illi, għalhekk, is-soċjeta` esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. Illi t-tieni talba tar-rikorrenti għandha tkun riġettata stante li m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti. Fi kwalunkwe każ u **<u>mingħajr preġudizzju għall-premess,</u>** il-pretensjoni tar-rikorrenti hija kontestata u għaldaqstant ir-rikorrenti għandha tagħmel il-prova tad-danni skond il-liġi;

5. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti għandha wkoll tkun miċħuda billi s-soċjeta` esponenti m'għandhiex tkun kostretta tħallas ebda danni lir-rikorrenti;

Salvi eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2012 permezz ta' liema l-Qorti, in vista tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimata Asfaltar Limited, ordnat il-kjamat in kawża ta' Enemalta plc ġja magħrufa bħala l-Korporazzjoni Enemalta.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Enemalta plc ġja magħrufa bħala l-Korporazzjoni Enemalta permezz ta' liema ġie eċċepit:

1. Illi dikjarat fil-paragrafu 3 tar-rikors promotur, is-soċjeta` konvenuta Asfaltar Limited kienet qed twettaq xogħlijiet ta' *trenching* biswit il-fond proprjeta` ta' Tek-Moulds Precision Engineering Limited u ċioe` viċin tas-sit bl-indirizz BLB 012, Bulebel, Industrial Estate, Żejtun u dawn ix-xogħlijiet kienu jikkonsistu fi skavar u tħaffir neċessarju għar-'Road Works' u liema xogħlijiet ġew inkarigati kompletament mill-Malta Transport Authority skond Permit Registration Number 0950/2010 liema permess huwa anness u mmarkat bħala "KE1";

2. Illi fis-sitta (6) ta' Lulju 2011, seħħ inċident li fih intlaqtgħet *cable* tal-elettriku u konsegwentement inqatgħet il-provvista tal-elettriku fil-fabbrika tas-soċjeta` Tek Mould, liema qtugħ tal-provvista tal-elettriku allegatament kkawżat ħsarat sostanzjali fil-makkinarju tas-soċjeta` assikurata Tek Moulds Precision Engineering u li liema ħsarat jammontaw għal ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€55,949.58);

3. Illi kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, is-soċjeta` konvenuta Asfaltar Limited ġiet informata mill-Korporazzjoni Enemalta illi fejn kienu qed isiru x-xogħlijiet, liema xogħlijiet ma kinitx bl-ebda mod responsabbli għall-eżekuzzjoni jew sorveljanza l-Korporazzjoni Enemalta, kien hemm *cable* tal-elettriku għaddej u l-konvenut Asfaltar kien avżat f'dan is-sens;

4. Illi, fil-fatt il-Korporazzjoni Enemalta mxiet mal-obbligi tagħha billi malli ġiet infurmata bil-proġett in kwistjoni bagħtet l-impjegat tagħha Lewis Cachia fuq is-sit biex jimmarka eżattament minn fejn u sa fejn kien għaddej il-*cable* dan skond l-Incident Report (anness u mmarkat bħala Dok KE2);

5. Illi l-Korporazzjoni Enemalta m'għandhiex l-obbligu li tissorveja b'mod kostanti l-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet. Il-Korporazzjoni ghandha l-obbligu biss li tassigura li l-plot ikun immarkat b'sinjali ċari ta' fejn u sa fejn ghaddejin il-*cables* kif fil-fatt – sar minn Lewis Cachia;

6. Illi l-Korporazzjoni tal-Enemalta tista tinsab responsabbli biss jekk tkun naqset milli tagħmel xi ħaġa li biha tikser xi dmir impost mil-Liġi u minn imkien ma tirriżulta xi liġi li kienet timponi xi obbligu fuqha. Anzi l-Korporazzjoni Enemalta mxiet skond l-obbligi tal-Liġi billi nfurmat lill-konvenut Asfaltar li fit-triq kien għaddej *cable*. Informazzjoni li kienet korretta u kif indikat fil-pjanti tad-dipartiment;

7. Illi l-Korporazzjoni Enemalta ma jista' jkollha l-ebda responsabbilta diretta jew indiretta għad-danni sofferti mis-soċjeta` assikurata għaliex hi ċertament ma kellha l-ebda interess fix-xogħol esegwit mill-konvenut Asfaltar u l-Malta Transport Authority. Il-konvenut jipprova jaddebita kull responsabbilta lill-Korporazzjoni għax seta kien hemm xi differenzi bejn il-markings fit-triq li kienu juru mnejn kien għaddej il-*cable* li ntlaqtgħet iżda l-fatt jibqa' li l-informazzjoni li tat il-Korporazzjoni hija korretta. Huwa ċar illi din il-*cable* intlaqtgħet minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-liġi u tar-regolamenti relevanti mill-ħaddiema mqabbda mill-konvenuti Asfaltar Limited biex jeżegwixxu x-xogħlijiet;

8. Illi, di piu, il-Korporazzjoni soffriet id-danni minħabba li l-*cable* maqtugħ huwa materjalment proprjeta` tal-Korporazzjoni kif ġia ġie rraportat minn Mario Carabott fl-għassa tal-Pulizija fiż-Żejtun fl-istess datata tal-inċident u ċioe` 6 ta' Lulju 2011 (kif indikat fl-Incident Report KE2) u għalhekk bl-ebda mod ma kkontribwiet bl-aġir tagħha għall-akkadut u ta' dawn il-ħsarat il-Korporazzjoni Enemalta ħa tieħu passi legali għall-ħlas għad-danni;

Għaldaqstant il-kjamata in kawża Korporazzjoni Enemalta, kif debitament rappreżentata fuq dan l-att teċċepixxi bir-rispett:

i. Illi t-talbiet attriċi kif dedotti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress in kwantu li l-kjamat in kawża m'għandha l-ebda responsabbilta` għall-akkadut.

ii. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti li permezz tiegħu ġie deċiż li din il-kawża titmexxa flimkien ma' kawża 945/2013 li wkoll qed tiġi deċiża llum u li l-provi miġjuba f'waħda jgħoddu għall-oħra u vice-versa.

Semgħet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Din il-vertenza tittratta dwar polza tal-assikurazzjoni u cioe *Industrial All Risks Policy* numru 111675 maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti favur Tek-Moulds Precision Engineering Ltd (minn issa 'l quddiem imsejjħa '**Tek-Moulds'**), liema polza tkopri l-proprjeta' BLB012, Bulebel Industrial Estate, Żejtun inkluż ukoll il-kontenut tal-istess fabbrika.

Fis-6 ta' Lulju 2011 waqt li kienu qegħdin isiru xogħolijiet ta' skavar fit-triq quddiem Tek-Moulds intlaqat u nqata' *high tension cable* bil-konsegwenza li nqatgħet il-provvista tal-elettriku u xi magni ta' Tek-Moulds ġarrbu ħsara konsiderevoli konsegwenza tal-fatt li waqfu jaħdmu f'salt. Wara li nkarigat l-esperti tagħha u stħarrġet il-mertu tal-*claim* li saret mill-assikurata tagħha, is-soċjeta' rikorrenti ħallset is-somma ta' €55,949.58 lill-assikurata tagħha u ġiet għalhekk surrogata fid-drittijiet tal-assikurata.

Permezz tar-rikors odjern, is-soċjeta' rikorrenti qegħda tfittex illi tikseb dikjarazzjoni fis-sens illi s-soċjeta' intimata Asfaltar Ltd hija responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2012 u għall-ħsarat kollha li żviluppaw. Konsegwentement talbet il-likwidazzjoni tad-danni fis-somma mħallsa minnha lil Tek-Moulds u l-

kundanna għall-ħlas tal-ammont likwidat inkluż l-imgħax legali fuq l-istess somma dekorribbli mid-data tar-rikors promotur u cioe mis-16 ta' Marzu 2012 sal-ħlas effettiv.

Asflatar Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa '**Asfaltar**') laqgħet billi talbet is-sejħa fil-kawża ta' Enemalta plc (minn issa 'l quddiem imsejjħa '**Enemalta**') waqt illi fil-mertu ċaħdet kull tip ta' responsabbilita` attribwita lilha għall-akkadut.

Il-kjamata in kawża ukoll ċaħdet li hija responsabbli għall-inċident in kwistjoni u saħqet illi għaddiet l-informazzjoni kollha li kellha lill-kuntrattur u mmarkat ukoll b'sinjali ċari, f'dan il-każ marki ta' lewn oranġjo jgħajjat, fejn eżattament kien jinsab il-*cable* in kwistjoni. Tgħid għalhekk illi hija Asfaltar li għandha ġġorr responsabilita' għall-akkadut għaliex fit-twettieq tal-inkarigu fdat lilha m'osservatx ir-regolamenti u għalhekk ikkawżat l-inċident de quo u rrendiet ruħha passibbli għad-danni.

Mill-provi in atti jirriżulta li fis-6 ta' Lulju 2011 waqt li kienu qegħdin isiru xogħolijiet ta' skavar fiż-żona ndustrijali ta' Bulebel senjatament f'dik il-parti tat-triq quddiem il-fabbrika Tek-Moulds, inqata' *cable* tal-elettriku u konsegwentement inqatgħet ħesrem il-provvista tal-elettriku lill-fabbrika ta' Tek-Moulds Ltd. Dan l-inċident ġie rrapurtat lill-Pulizija Eżekuttiva li aċċediet fuq il-post u ħadet il-verżjoni ta' dawk preżenti. Mhux kontestat illi seħħ dan l-inċident konsegwenza ta' liema Tek-Moulds damet għal diversi siegħat mingħajr provvista tal-elettriku. Jirriżulta wkoll illi minħabba l-qtugħ il-magni ta' Tek Moulds ġarrbu ħsara. Jidher pero' illi l-kontestazzjoni ewlenija hija dwar min għandu jġorr responsabilita' għall-akkadut u cioe jekk hux Asfaltar qua kuntrattur inkarigat mix-xogħolijiet jew inkella Enemalta li kellha tindika minn fejn għaddejjin il-*cables* tal-elettriku taħt il-wiċċ tat-triq.

Abbażi ta'dak illi jirriżulta mill-atti jidher illi meta jkun meħtieġ li jsiru xi xogħolijiet minn kuntrattur fuq it-toroq l-ewwel jinkiseb il-permess relattiv minn Transport Malta. Kif xehed Noel Scicluna, project manager m'Asfaltar, minnufih malli jinħareġ il-permess għax-xogħolijiet issir konsultazzjoni mas-*service providers* kollha sabiex kull wieħed minnhom jimmarka b'sinjali ċari fuq il-wiċċ tat-triq il-punt minn fejn għadejjin is-servizzi. Dan il-proċess isir sabiex fil-kors tat-tħaffir tat-triq jiġi evitat li jintlaqat xi *cable* jew servizz ieħor. Malli jsiru l-marki il-kuntrattur jiffirma s-*site excavation form* u x-xogħolijiet ikunu jistgħu jibdew.

Louis Cachia li fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni kien *senior distribution tradesman* mal-Enemalta, xehed illi Asfaltar kienet talbet lill-Enemalta sabiex din timmarka minn fejn għaddejjin il-*cables* fiż-żona nteressata. Spjega illi kien hu li mar fuq il-post u bl-għajnuna ta' *metal detector* identifika minn fejn kien għaddej il-*cable* u mmarka dan permezz ta' spray ta' lewn oranġjo jgħajjat. Xehed illi mmarka l-punt bil-preċiż wara li ra l-pjanti mogħtija lilu mid-*Drawings Office* tal-

Enemalta u wara li kkonferma dan permezz tal-*metal detector* li jgħin biex jindika fejn jinsab il-*cable*. Xehed illi l-pjanti jkunu dettaljati u juru sewwa minn fejn ikunu għaddejjin il-*cables*. Issokta jgħid illi l-kuntrattur huwa obbligat illi jħalli distanza ta' 75 ċentimetru fuq kull naħa tal-marka biex b'hekk jiġi assigurat li l-*cables* ma jintlaqtux u f'din iż-żona jsir biss tħaffir bl-idejn. Kompla jixhed illi huwa kien wissa lil Noel Scicluna u lil xi ħadd ieħor kunjomu Camilleri sabiex meta jaslu viċin iż-żona li fiha kien il-*cable* iħaffru bl-idejn mhux bil-makkinarju. Kompla jgħid illi kien addirittura wera l-pjanti lill-kuntrattur sabiex dan jara b'għajnejh minn fejn kienu għaddejjin il-*cables* u saħansitra mar fuq il-post kemm il-darba kien mitlub sabiex jispjega sewwa sew il-passaġġ tal-*cables*.

In kontro-eżami Louis Cachia kkonferma illi l-marki għamilhom skont il-pjanti li kienu tawh id-*Drawings Office* u skont ma kien immarkalu l-*metal detector*.

Noel Scicluna xehed illi abbażi tal-marki li saru minn Louis Cachia, Asfaltar qabel ħaffret għamlet dawk illi jissejjħu *pilot holes* u cioe toqob li jservu sabiex issir verifika dwar jekk hemmx servizzi għaddejjin minn dik il-parti tat-triq. Kompla jixhed illi minn dawn il-*pilot holes* ma rriżultax li kien hemm xi servizzi għaddejjin. Xehed ukoll illi l-Enemalta dejjem tagħtihom gwida sabiex iħallu *buffer zone* ta' żewġ metri u cioe metru fuq kull naħa tal-marka li tkun għamlet għaliex f'din iż-żona jista' jkun għaddej xi *cable*. Spjega illi fil-parti kollha u cioe fil-wisa' kollha indikata minn Enemalta instab biss blat li allura kien indikattiv tal-fatt li ma kienux għaddejjin servizzi. Żied jgħid illi f'dik il-wisa' kollha lanqas ma' sabu *detecting tape* jew is-sitema tal-kaptelli li solitament tintuża fejn ikunu għaddejjin is-servizzi.

Carmelo Pulis ikkonferma x-xhieda ta' Noel Scilcuna. Huwa xehed kif dak inhar illi saru l-marki in kwistjoni huwa kien preżenti fuq il-post. Spjega illi Asfaltar timxi abbażi tal-marki taż-żebgħa għaliex qatt ma tingħata kopja tal-pjanti li jsiru mid-*Drawings Office* tal-Enemalta. Kompla jgħid illi l-prassi titlob li fil-kors tat-tħaffir bl-inġenji jieqfu madwar żewġ piedi u nofs jew tlieta il-bogħod mill-marka li tkun għamlet Enemalta imbagħad ikomplu jħaffru bl-idejn u cioe bl-użu ta' żappun u fies. F'dan il-każ mit-tħaffir fiż-żona nteressat rriżulta li kien hemm biss blat. Huwa kompla jixhed illi meta solitament ikun hemm *cable* fil-kors tat-tħaffir isibu *detecting tape* ta' lewn aħmar li jkun mgħotti b'saff ramel. Spjega illi t-trinka li minnha jkun mgħoddi xi servizz tkun magħmula hekk u cioe isfel nett jitpoġġa saff ramel direttament fuq il-blat, imbagħad jitpoġġa l-*cable* u fuqu jitpoġġa saff ieħor ta' ramel li fuqu titpoġġa ċ-ċangatura. Fuq iċ-ċangatura jitpoġġa saff ieħor ta' ramel li fuqu jitpoġġa d-*detecting tape* aħmar li jiġi mgħotti b'saff torba għolja 25 ċentimetru u finalment jitpoġġa l-konkos. Issokta jgħid illi din is-sistema tal-kaptelli u *detecting tape* isservi sabiex tissenjala li għaddej *high tension cable*. F'dan il-każ partikolari pero' ma nstabet ebda ndikazzjoni tat-trinka u għalhekk, peress li sabu biss blat komplew it-tħaffir bit-*trencher*. Huwa rrefera għar-ritratt a

fol. 190 tal-proċess u spjega li l-*cable* kien il-bogħod mill-marka u cioe mill-vleġġa ta' lewn oranġjo li tidher fuq l-imsemmi ritratt.

Jesmond Camilleri, *Principal Techincal Officer* fid-*Drawings Office* tal-Enemalta xehed illi l-pjanti tal-*cables* huma kollha aġġornati. Spjega illi l-mappa ssir billi uffiċjal imur fuq il-post u jagħmel skizz tal-*cables* imbagħad dan l-iskizz jiġi mqabbel mal-pjanti eżistenti sabiex jaraw il-qisien u l-profondita' tal-*cables*. Xehed illi l-*cable routes* ikunu ndikati b'mod dettaljat u kull pjanta jkun fiha dettal tar-rotta tal-*cable*, it-tul u pożizzjoni tiegħu kif ukoll indikazzjoni tas-*centre line of trench*.

L-Iġinier Geroge Portelli, *manager distribution section* mal-Enemalta xehed illi l-formola esbita a fol 61 tal-proċess hija *Site Excavation Form* li ġiet iffirmata fl-4 ta' Lulju 2011 qabel bdew ix-xogħolijiet. Huwa għamel referenza għall-klawsoli numru 4 u 5 fuq l-istess formula. Il-klawsola numru 4 tispeċifika illi:

> "*No excavation/scarifying by mechanical means is to be carried out within 0.75 meters of either side of Enemalta cable*."

Imbagħad il-klawsola numru 5 tgħid illi:

> "*Excavation/scarifying is to be carried out manually* ..."

Huwa rrefera wkoll għall-klawsola numru 4 tal-permess tax-xogħolijiet maħruġ minn Transport Malta liema klawsola taqra hekk:

> "*No mechanical equipment whatsoever (power tool or plant) shall be used within 0.75m approach distance on each side of the marked cable zone width*." (a fol. 156)

Mario Carabott, *Technical Officer* mal-Enemalta xehed illi dak inhar stess tal-inċident in kwistjoni huwa mar fuq il-post ħa xi ritratti u rrediġa rapport dwar l-akkadut. Abbażi ta' dan ir-rapport Enemalta bgħatet kont ta' €523.39 lil Asfaltar liema somma tirrappreżenta spejjeż inkorsi fit-tiswijiet tal-*cable* li nqata' bil-makkinarju li kien qiegħed jintuża. Mill-atti mhux magħruf jekk Asfaltar ħallsitx dan il-kont.

Fuq il-post mar ukoll Charlot Vella in rappreżentanza ta' Elmo Insurance Limited li hija l-assikuratriċi ta' Asfaltar. Huwa xehed illi fuq il-post ra' linji ta' lewn oranġjo li kienu marki li saru minn Enemalta. Xehed illi kejjel mill-marka oranġjo sa fejn kien hemm il-*cable* li tqaċċat u rriżulta li kien hemm distanza ta' 1.8 metri mil-linja oranġjo sal-*cable*. F'dan ir-rigward huwa esebixxa żewġ ritratti u skizz. Mir-ritratt immarkat bħala 'Dok. CV 2' a fol. 200 jidher il-*cable* in kwistjoni kif ukoll il-vleġġa

oranġjo. Bejn dawn it-tnejn hemm rutella li turi d-distanza reali u attwali li kien hemm bejn punt u ieħor. Fl-iskizz li ppreżenta Vella u li jinsab esebit bħala 'Dok. CV1' a fol 199 tal-proċess, huwa jindika li bejn il-*cable* u ċ-ċentru tat-trinka hemm distanza ta' 1.20 metri. Waqt illi mill-vleġġa li tpenġiet minn Louis Cachia u cioe il-vleġġa lewn oranġjo u l-post fejn instab il-*cable* hemm distanza ta' 1.8 metri.

Kevin Busuttil li huwa s-sid ta' Tek-Moulds minnufih malli seħħ l-inċident tkellem mas-soċjeta' assikuratriċi li da parti tagħha ħatret lil James Magri minn *Loss Adjusting Services* u lill-Inġinier Martin Pizzuto sabiex jaċċedu fuq il-post u jirrelataw dwar l-inċident u d-danni li rriżultaw. Mir-rapporti rispettivi li kopja tagħhom tinsab in atti jirriżulta illi tlieta kienu l-magni li sfaw danneġġjati u cioe magna tad-ditta Mitsubishi bil-mudell numru FX10, magna oħra tad-ditta Mitsubishi bil-mudell numbru EA8 u magna oħra tad-ditta Ingersol. Mill-fatturi in atti jirriżulta illi Gasan ħallset lil Tek-Moulds is-somma ta' €51,954 li minnhom is-somma ta' €12,804 rappreżentanti ħsarat fuq il-magna Mitsubishi bil-mudell numru FX10, is-somma ta' €8,484 rappreżentanti *parts* u *labour charges* biex tissewwa l-magna Mitsubishi bil-mudell numru FX10, is-somma ta' €1,495 rappreżentanti tiswisijiet fuq il-magna bil-mudell EA 8, is-somma ta' €30,028 rappreżentanti tiswijiet fuq il-magna Ingersoll, is-somma ta' €624, is-somma ta' €233 rappreżentanti spejjeż oħra.

Skont ma' xehed John Galdes in rappreżentanza ta' GasanMamo Insurance, jidher illi effettivament GasanMamo Insurance inkorriet l-ispiża globali ta' €55,949.58 għaliex oltre għas-somma mħallsa lil Tek-Moulds, Gasan ħallset ukoll is-somma ta' €3,252.18 għax-xogħol imwettaq mis-*surveyor* u s-somma ta' €743.40 għax-xogħol esegwit mill-*engineer*.

Fil-mertu, il-kwistjoni odjerna tinvolvi danni akwiljani. L-Artikolu 1031 tal-Kap 16 jistabbilixxi illi "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*"[1]. L-Artikolu 1032(1) tal-Kap 16 imbgħad jistabbilixxi illi huwa fi htija kull min jonqos milli juża l-prudenza, l-għaqal u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. Imbagħad, l-artikolu 1033 jipprovdi li kull min "*bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi*" huwa obbligat li jirriżarċixxi d-danni[2]. Il-frażi "*dmir impost mil-ligi*" għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal kull tip ta' ksur ta' xi liġi jew dover li l-liġi timponi fuq persuna f'ċirkostanzi speċifiċi.

[1] Ara: **Michael D'Amato noe vs Filopmena Spiteri et**, Qorti Civili Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003

[2] Ara: **Mosè Tabone vs Avv. Dr. Joseph Ferdinand Cassar Galea**, P.A. 23 ta' Lulju 1958; **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe**, Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu 1962; **Alexander Eminyan noe vs Caroline Grech et**, P.A., 3 ta' Ottubru 2003.

Dan l-obbligu huwa bbazat fuq il-massima legali *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ae quae non fecit*[3].

Fil-każ ta' llum mhuwiex kontestat illi nqata' *cable* tal-elettriku. Lanqas ma huwa kontestat li Tek-Moulds ġarrbet xi danni. Il-pern tal-kwistjoni odjerna huwa dwar min għandu jġorr responsabbilita' għall-akkadut u finalment għar-rimbors favur ir-rikorrenti tal-ammont minnha rimborsat lill-assikurat tagħha.

Mill-atti jirriżulta li Asfaltar segwiet il-prassi fejn talbet il-konsultazzjoni mad-diversi provdituri tas-servizzi u qabel ma bdiet bix-xogħol ta' tħaffir stenniet li jsiru l-marki li juru minn fejn għaddejjin is-servizzi taħt l-art. Jirriżulta wkoll illi saħansitra għamlet *pilot holes* sabiex taċċerta ruħha li fil-post indikat lilha tassew kienu għaddejjin is-servizzi – eżerċizzju li fil-każ ta' llum ta eżitu negattiv.

Ġie ukoll ampjament spjegat mir-rappreżentanti ta' Asfaltar illi fil-kors tat-tħaffir huma ottemperaw ruħhom mal-indikazzjonijiet mogħtija lilhom minn Enemalta u oltre illi żammew id-distanzi ndikati mill-marki li għamlet Enemalta, ħaffru wkoll bl-idejn fiż-żona nteressata. Jidher illi kien biss meta raw li ma kien hemm xejn ħlief blat illi allura reġgħu qabbdu l-magni biex iħaffru. F'dan ir-rigward ir-rappreżentanti ta' Asfaltar xehdu li ma rriskontrawx is-soliti marki li juru li hemm *cable* fis-sens li la sabu *detecting tape* aħmar u lanqas ma sabu s-sistema tal-kaptelli li hija minnha nnifisha ndikazzjoni li f'dik il-parti tħaffret trinka sabiex minnha jgħaddu s-servizzi.

F'dan il-kuntest il-Qorti sejra tagħmel referenza verbatim għax-xhieda ta' Noel Scicluna fejn dan xehed hekk:

> "*Ahna naghmlu l-pilot holes vicin il-marka li jkunu ghamlulna, dawn naghmluhom bl-idejn jew makkinarju zghir biex zgur ma nolqtux cables etc. Il-pilot holes isiru biex naccertaw illi fejn immarkalna tassew ghaddejjin is-servizzi ghax gieli jimmarkalna u ma jkun effettivament ghaddej xejn*." (a fol. 195)

Xehed ukoll illi:

> "*Dan iz-zmien jimmarkaw zewg marki u jghidlek li bejniethom ghaddej is-servizz,* ***dak iz-zmien kien jimmarka fejn jahseb li ghaddej is-servizz u jghidlek biex thalli metru minn kull naha****. L-ewwel indikazzjoni li hemm xi servizz ghaddej hu li meta tibda thaffer ma ssibx blat imbaghad ikun hemm dak li nsejhulu dak li nghidulu detecting tape li jkun impoggi b'dan il-mod, l-ewwel*

[3] **Emanuel Zammit noe et vs Charles Polidano noe et**, Qorti Civili, Prim'Awla, 27 ta' Mejju 2010

*ikollok cable, imbaghad ikollok ramel, imbaghad ikollok cangatura, imbaghad jerga jkollok ramel u fuqu jkollok id-detecting tape. Ic-cangatura gieli tissejjah kaptelli.* ***Fil-parti mmarkata u cioe dik il-wisgha ta zewg metri ma nsatbx il-cable u nstabet medda ta' drenagg.*** *Issa peress li jintuza wkoll id-detector meta jkunu qed isiru l-markings, seta' kien li nqabad dan id-drenagg. Din gieli saret. Ahna assumejna li l-marka kienet saret bid-detector u qabdet dan id-drenagg ghax* ***ahna cable ma sibniex***. ***X'hin rajna li f'dawn iz-zewg metri ma kien hemm xejn, qbadna t-trencher u bdejna nqattghu bih fil-blat. Fejn konna qeghdin inqattghu blat kien hemm***." (fol. 195) (enfasi miżjuda)

Fuq l-istess binarju hija x-xhieda ta' Carmelo Pulis li oltre li spjega b'mod dettaljat is-sistema tal-kaptelli u kkonferma dak li kien xehed Noel Scicluna qablu, żied jgħid illi:

"*Ahna f'dan il-kaz waqafna bil-makkinarju xi sitt piedi 'l boghod mill-marka li kienet ghamlet Enemalta u bdejna xi zewg piedi u nofs jew tlieta b'idejna u sibnih kollu blat taht it-torba*." (fol. 207)

Il-Qorti qieset ukoll illi Asfaltar kellha tistrih totalment fuq il-marki li saru fl-art minn Enemalta għaliex ma kellhomx pjanti. Dwar dan xehdu ampjament ir-rappreżentanti ta' Enemalta li kkonfermaw li l-pjanti tal-*cables* ma jingħataw qatt lill-kuntrattur iżda li dawn ikunu ntwerew lilu fil-mument li jsiru l-marki ma' l-art.

Wara li xtarret bir-reqqa l-provi kollha in atti u qieset il-pożizzjoni ta' Asfaltar u dik ta' Enemalta, il-Qorti tqis illi l-aqwa prova f'dan il-każ tinsab fir-ritratti li ttieħdu fil-ħin eżatt wara li seħħ l-inċident. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li dawn il-provi ma ġewx kontestati mir-rappreżentanti ta' Enemalta li baqgħu jinsistu sempliċement li Asfaltar m'osservatx il-kondizzjonijiet tal-iskavar. Biss, ir-ritratti in atti juru li Asfaltar ottemperat ruħha mal-kondizzjonijiet kollha rikjesti minnha u aġixxiet b'diliġenza u prudenza meta mhux biss ħaffret *pilot holes* bi prevenzjoni iżda wkoll żammet id-distanza rikjesta u fil-prossimita' taż-żona ndikata bħala li fiha kien hemm il-*cable* ħaffret bl-idejn.

Din il-Qorti tqis li f'dan il-każ hija Enemalta li għandha ġġorr responsabilita' għall-akkadut mhux biss għaliex ma fornietx lill-kuntrattur bi pjanti dettaljati li seta' jimxi fuqhom f'kull waqt tal-proġett iżda wkoll għaliex immarkat id-direzzjoni tal-*cable* ħażin. Sia mill-atti kif ukoll mill-iskizz esebit bħala 'Dok. CV1' a fol. 199 jidher ċar illi kollox ġara għaliex għad li Enemalta penġiet vleġġa ta' lewn oranġju jixgħel sabiex tindika illi *cable* kien qiegħed idur biex jissuplixxi l-elettriku fil-fabbrika ta' Tek-Mould, il-vleġġa ma' saritx fuq il-parti minn fejn il-*cable* kien effettivament qiegħed idur iżda saret 1.8m bogħod minn fejn dan kien għaddej bil-konsegwenza

li meta ħaffru bl-idejn fil-parti lilhom indikata, il-ħaddiema t'Asfaltar ma sabu ebda ħjiel li jindika li kien hemm *cable* u għalhekk, fin-nuqqas ta' sinjali ċari dawn ma setgħux jipprevedu li l-*cable* kien fil-fatt mgħoddi aktar lil hinn u li allura kien sejjer jintlaqat bit-*trencher*.

Il-Qorti tissenjali fil-kuntest kif miżmum mill-Qorti fil-kawża Maltacom vs Anthony Vella (15 ta' Novembru 2006) illi:

> "L-immarkar ma huwiex xi usanza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellenti biex jiġi individwat b'akkuratezza l-lok fejn tkun pożizzjonata l-infrastruttura, u b'hekk jiġi skonġurat skavar bl-addoċċ."

Ma' dan, din il-Qorti żżid li huwa ovvju li tali mmarkar għandu jkun preċiż għaliex huwa hekk biss li jilħaq l-għan li għalih ikun maħsub.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt u ta' fatt il-Qorti hija persważa li Enemalta plc hija responsabbli għall-inċident illi seħħ u għall-konsegwenti danni li rriżultaw. Konsegwentement tqis illi Enemalta għandha tirriżarċixxi lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont intier minnha sborsat. F'dan il-kuntest il-Qorti tosserva li Enemalta fl-ebda waqt ma kkontestat is-somma li tħallset minn Gasan lill-assikurata tagħha jew l-ispejjeż inkorsi minn GasanMamo Insurance relattivament għall-esperti tekniċi minnha nkarigati. Il-Qorti rat illi n-nota ta' sottomissjonijiet finali ta' Enemalta ukoll ġiet limitata għall-kwistjoni ta' min huwa responsabbli u xejn aktar.

Il-Qorti għarblet il-provi rigwardanti l-ħsarat li rriżultaw fil-magni ta' Tek-Moulds Limited. Ikkunsidrat dak illi xehdu l-esperti nkarigati minn GasanMamo Insurance u cioe l-Inġinier Martin Pizzuto u James Magri. Rat illi l-Inġinier Martin Pizzuto xehed ampjament dwar il-ħsarat u kkonferma li l-ħsara kienet kaġunata mill-fatt illi l-qtugħ tad-dawl waqqaf ħesrem l-operat tal-magna u b'hekk żviluppat ħsara sia elettronika kif ukoll mekkanika billi nħoloq stress kbir fuq il-*bearings*. Huwa żied jgħid illi f'dan il-każ, peress illi d-dawl inqata' ħesrem ma kienx hemm ħin sabiex tiġi eżegwita l-proċedura ta' *shut down* tal-magna. Huwa esebixxa wkoll ir-rapport redatt mid-ditta Fisher li ħadet ħsieb teżegwixxi t-tiswijiet u jgħid li fil-parir li hu ta lil GasanMamo Insurance huwa straħ fuq il-konklużjonijiet ta' Fisher liema konklużjoniiet kienu msejjsa fuq testijiet li saru fuq il-magni direttament.

Għalhekk, u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Asfaltar Ltd u waqt illi tiddikjara li din m'hijiex responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2011. Tiċħad it-talbiet fil-konfront tagħha.

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati minn Enemalta plc.

Tilqa' t-talbiet attriċi u waqt illi tiddikjara illi Enemata plc hija responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Lulju 2011 u għall-ħsarat sofferti mill-assikurata tas-soċjeta' rikorrenti, tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf disa' mija disgħa u erbgħin Ewro u tmienja u ħamsin ewro ċenteżmu (€55,949.58) u tikkundanna lil Enemalta tħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-16 ta' Marzu 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu minn Enemalta plc.

IMĦALLEF

Deputat Registratur